

# Il-Kompilazzjoni ta' skedi ta' data ta' sigurtà

Id-dokument huwa maħsub biex jispjega f'termini sempliċi l-prinċipji u l-obbligi prinċipali li jirrelataw għall-kompilazzjoni u l-provvizzjoni ta' skedi ta' data ta' sigurtà skont ir-Regolament REACH.

Verżjoni 2.0  
Diċembru 2015



## AVVIŻ LEGALI

Dan id-dokument huwa intiż biex jassisti lil utenti fil-konformità mal-obbligi tagħhom skont ir-Regolament REACH. Madankollu, l-utenti huma mfakkra li t-test tar-Regolament REACH huwa l-unika referenza legali awtentika u li l-informazzjoni f'dan id-dokument ma tikkostitwixxix parir legali. L-użu tal-informazzjoni jibqa' taħt ir-responsabbiltà unika tal-utent. L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ma taċċetta ebda responsabbiltà fir-rigward tal-użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab f'dan id-dokument.

**Referenza:** ED-04-15-643-MT-N  
**ISBN:** 978-92-9247-567-3  
**Data tal-pubblikazzjoni:** Diċembru 2015  
**Lingwa:** MT

L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) qiegħda tipproduċi serje ta' verżjonijiet "simplifikati" tad-dokumenti gwida REACH sabiex id-dokumenti ta' gwida REACH korrispondenti ppubblikati mill-Aġenzija, ikunu magħmula iktar aċċessibbli għall-industrija. Bħala sommarji qosra, dawn id-dokumenti ma jistgħux jinkludu d-dettalji kollha inklużi fid-dokumenti ta' gwida sħiħa. Għaldaqstant, f'każ ta' dubju, huwa rrakkomandat li wieħed jikkonsulta d-dokumenti ta' gwida sħaħ, għal iktar informazzjoni.

Din hija traduzzjoni tax-xogħol ta' dokument ippubblikat oriġinarjament bl-Ingliż. Id-dokument oriġinali huwa disponibbli fuq is-sit web tal-ECHA.

© L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, 2015

Jekk għandek mistoqsijiet jew kummenti fir-rigward ta' dan id-dokument jekk jogħġbok ibgħathom (billi tindika r-referenza tad-dokument, id-data tal-ħruġ, il-kapitolu u/jew il-paġna tad-dokument li l-kumment tiegħek jirreferi għalih/għaliha) billi tuża l-formola ta' rispons tal-gwida. Il-formola ta' rispons ta' Gwida jista' jkollok aċċess għaliha permezz tat-taqsim "Sostenn" tas-sit web tal-ECHA f':  
[comments.echa.europa.eu/comments cms/FeedbackGuidance.aspx](https://comments.echa.europa.eu/comments cms/FeedbackGuidance.aspx).

## L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi

Indirizz postali: Kaxxa postali Postali 400, FI-00121 Helsinki, Finlandja  
Indirizz sekondarju: Annankatu 18, Helsinki, Finlandja

Verżjoni	Bidliet	Data
Verżjoni 1.0	L-ewwel edizzjoni.	Diċembru 2013
Verżjoni 2.0	<p>L-aġġornament li jsegwi l-aġġornament tal-gwida primarja għall-verżjoni 3.0.</p> <p>L-aġġornament huwa limitat għal li ġej:</p> <p>(1) Żieda f'kapitolu 1 ta' referenza għar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/830.</p> <p>(2) Aġġornament f'kapitolu 2.1 u 5 tal-informazzjoni dwar il-perjodu tranżitorju skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/830.</p> <p>(3) Tħassir f'kapitolu 2.3 ta' referenza għall-ħarsa ġenerali tal-bidliet magħmula minn REACH li tħassret mill-gwida primarja.</p> <p>(4) Tħassir f'kapitolu 3.1 ta' referenza għad-Direttiva dwar ir-Riparazzjoni Perikoluża fir-rigward tat-taħlitiet.</p> <p>(5) Aġġornament f'kapitolu 6 ta' sorsi għal gwida ulterjuri.</p>	Diċembru 2015

## Werrej

<b>1. INTRODUZZJONI .....</b>	<b>5</b>
<b>2. FATTURI ESSENZJALI LI WIEĦED GĦANDU JIFHEM.....</b>	<b>6</b>
2.1 L-iskeda ta' data ta' sigurtà (SDS) .....	6
2.2 Min huwa meħtieġ jikkompila SDS?.....	6
2.3 L-SDSs u REACH .....	7
<b>3. LIEMA PRODOTTI JEĦTIEĠU SDS? .....</b>	<b>7</b>
3.1 SDS għandha tiġi pprovduta b'obbligu mingħajr ma tkun mitluba .....	7
3.2 L-SDS għandha tiġi pprovduta fuq talba .....	7
3.3 Informazzjoni li għandha tiġi pprovduta lill-pubbliku ġenerali .....	8
3.4 Prodotti li għalihom mhijjex meħtieġa SDS .....	8
<b>4. META U KIF GĦANDHA TIĠI PPROVDUTA L-SDS .....</b>	<b>8</b>
<b>5. LIEMA INFORMAZZJONI GĦANDHA TIĠI INKLUŻA F'SDS .....</b>	<b>8</b>
5.1 L-inklużjoni ta' informazzjoni dwar ix-xenarju tal-esponiment .....	9
<b>6. FEJN JISTA' WIEĦED ISIB IKTAR GWIDA U INFORMAZZJONI OĦRA RILEVANTI .....</b>	<b>9</b>

## 1. Introduzzjoni

Din il-Gwida fil-Qosor tipprovdi introduzzjoni konċiża u sempliċi għall-obbligi li jirrelataw għall-kompilazzjoni u l-proviżjoni ta' skedi ta' data ta' sigurtà (SDS) kif previst mill-Artikolu 31 u mill-Anness II mar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ir-Regolament REACH), b'mod partikolari kif emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 2015/830. Tiddeskrivi fil-qosor il-prinċipji ewlenin relatati mal-kompilazzjoni ta' SDSs u r-rekwiżiti li l-fornituri ta' sustanzi u taħlitiet għandhom jissodisfaw biex jikkonformaw mal-obbligu li jipprovdu SDS lill-klijenti tagħhom.

Din il-Gwida fil-Qosor hija l-iktar immirata lejn min imexxi u jieħu d-deċiżjonijiet f'kumpaniji li jfornu sustanzi kimiċi fiż-Żona Ekonomika Ewropea<sup>1</sup> (ŻEE), b'mod partikolari dawk li jappartjenu għall-kategorija ta' impriżi żgħar u ta' daqs medju (SME). Din il-Gwida ser tgħin lill-qarrej jifhem dak li huwa meħtieġ minn dawk inkarigati biex jikkompilaw SDSs għal sustanzi u taħlitiet u r-rabta importanti bejn l-informazzjoni fl-SDS u l-obbligi taħt il-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema. Eventwalment il-qarrej ikun jista' jiddeċiedi jekk jeħtieġx li jaqra l-Gwida kompleta *dwar il-kompilazzjoni ta' skedi ta' data ta' sigurtà*. Għandek tkun taf li l-informazzjoni inkluża f'din il-Gwida fil-Qosor mhijiex ser tkun biżżejjed għal dawk li huma meħtieġa jikkompilaw skeda ta' data ta' sigurtà – dawn, qiegħed jingħatalhom il-parir siewi li jaqraw il-gwida sħiħa.

Dan id-dokument ser ikun utli wkoll għal dawk li jirċievu SDS, biex jifhmu dak li għandhom jistennew u kif għandhom jittrattaw l-informazzjoni riċevuta.

Kumpaniji li jinsabu barra iż-ŻEE li l-prodotti tagħhom huma esportati lejn iż-ŻEE jistgħu jużaw din il-Gwida fil-qosor biex tgħin视角 jifhmu r-rekwiżiti għal SDSs u l-obbligi li l-aġenti u l-klijenti tagħhom fiż-ŻEE għandhom iwettqu.

---

<sup>1</sup> Iż-Żona Ekonomika Ewropea hija magħmula mill-Iżlanda, mil-Liechtenstein, min-Norveġja u mit-28 Stat Membru tal-Unjoni Ewropea.

## 2. Fatturi essenzjali li wieħed għandu jifhem

### 2.1 L-iskeda ta' data ta' sigurtà (SDS)

L-SDSs huma mekkaniżmu stabbilit tajjeb u effettiv biex jittrażmetti informazzjoni ta' sigurtà xierqa, tul il-katina tal-provvista, dwar sustanzi u taħlitiet li jissodisfaw kriterji ta' klassifikazzjoni speċifiċi. Ir-rekwiżiti għall-SDSs kienu diġà fis-seħħ qabel ma r-Regolament REACH daħal fis-seħħ iżda r-Regolament żviluppa iktar dawn ir-rekwiżiti.

Ir-rekwiżiti oriġinali introdotti minn REACH ġew adattati iktar biex iqisu r-regoli tas-Sistema Globalment Armonizzata (GHS)<sup>2</sup> għal skedi ta' data ta' sigurtà u l-implimentazzjoni tar-Regolament CLP<sup>3</sup>.

L-SDS għandha tipprovdi informazzjoni komprensiva dwar sustanza jew taħlita li tintuża f'ambjent professjonali jew industrijali. Hija sors ta' informazzjoni kemm dwar perikli ambjentali u għas-saħħa kif ukoll dwar prekawzjonijiet ta' sigurtà.

Il-kontenut u l-format ta' SDS fi ħdan iż-ŻEE huma definiti fl-Anness II mar-Regolament REACH. Bażikament, l-SDS isegwi format ta' 16-il Taqsima li kien hemm qbil dwaru internazzjonalment u li għandu jiġi pprovdut bil-lingwa uffiċjali tal-Istat(i) Membru(i) fejn is-sustanza jew it-taħlita titqiegħed fis-suq.

Jeħtieġ li jiġi nnotat li l-Anness II għal REACH ġie emendat u huwa fis-seħħ perjodu speċjali ta' tranżizzjoni għall-implimentazzjoni tar-rekwiżiti speċifiċi. B'mod partikolari, taħt ċerti kundizzjonijiet l-SDSs ipprovdew lil kwalunkwe riċevitur qabel l-1 ta' Ġunju 2015 jistgħu jkomplu jintużaw sal-31 ta' Mejju 2017 mingħajr ma jiġu sinkronizzati mal-verżjoni fl-Anness għar-Regolament (UE) 2015/830. Il-Gwida *shihha* dwar il-kompilazzjoni ta' skedi ta' data ta' sigurtà tipprovdi iktar informazzjoni dwar dan.

### 2.2 Min huwa meħtieġ jikkompila SDS?

L-SDS hija normalment l-ewwel kompilata mill-manifattur jew mill-importatur jew mir-Rappreżentant Uniku (jew minn xi ħadd f'isimhom), iżda r-rekwiżiti ta' REACH fir-rigward tal-proviżjoni ta' SDSs japplikaw f'kull stadju tal-katina tal-provvista. Fornitur ta' sustanza jew taħlita, li jissodisfa kundizzjonijiet speċifiċi, għandu jipprovdi SDS għaliha, irrispettivament mill-pożizzjoni tagħha fil-katina tal-provvista. Meta jikkompila l-SDS tiegħu, kull wieħed mill-atturi tul il-katina tal-provvista għandu jikkontrolla l-adeqwatezza tal-SDS riċevuta mill-fornitur tiegħu u juża l-informazzjoni rilevanti kollha biex jikkompila l-SDS tiegħu.

Kull attur jibqa' responsabbli għall-preċiżjoni tal-informazzjoni fl-SDS li jipprovdi.

Wieħed għandu jiftakar li l-kompilazzjoni ta' SDS tajba teħtieġ tagħrif estensiv f'oqsma differenti, minħabba li l-SDS infisha tkopri firxa wiesgħa ta' aspetti li jikkonċernaw il-karatteristiċi tas-sustanza jew tat-taħlita, is-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol, is-sigurtà fit-trasport u l-protezzjoni ambjentali. REACH jindika li l-SDS għandha tkun kompilata minn persuna "kompetenti", iżda ebda definizzjoni speċifika ta' "kompetenti" f'dan il-kuntest mhija mogħtija fir-Regolament. Il-persuna responsabbli jista' jkollha tfitteż kontribut minn sorsi interni jew esterni differenti, filwaqt li xorta tiżgura konsistenza tal-SDS.

<sup>2</sup> Il-verżjoni riveduta hija disponibbli minn: [http://www.unece.org/trans/danger/publi/ghs/ghs\\_welcome\\_e.html](http://www.unece.org/trans/danger/publi/ghs/ghs_welcome_e.html)

<sup>3</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1272/2008.

## 2.3 L-SDSs u REACH

Ir-Regolament REACH iżomm, fil-parti l-kbira, l-istruttura u l-format tradizzjonali tal-leġislazzjoni preċedenti. Madankollu, jintroduċi xi bidliet importanti bl-iskop li jtejjeb il-kwalità u l-kompletezza tal-informazzjoni li għandha tgħaddi l isfel.

Wieħed mill-elementi prinċipali ġodda li għandhom jiġu kkunsidrati jirriżulta mir-rekwiżit taħt REACH li jiġu rreġistrati sustanzi manifatturati jew importati f'volum ta' iktar minn tunnellata metrika waħda kull sena. Għal sustanzi rreġistrati, l-informazzjoni fl-SDS għas-sustanza għandha tkun konsistenti ma' dik ipprovduta fid-dossier tar-reġistrazzjoni. Barra minn hekk, meta r-reġistranti u l-utenti downstream jkunu meħtieġa jippreparaw Rapport dwar is-Sigurtà Kimika (CSR) li jirriżulta fil-ġenerazzjoni ta' xenarju tal-esponiment, għandhom jehmżu x-xenarju(i) tal-esponiment rilevanti bħala anness(i) mal-SDS.

Utenti downstream għandhom jikkunsidraw informazzjoni rilevanti dwar xenarji tal-esponiment riċevuta minn fornituri meta jikkompilaw l-SDSs tagħhom. Fornituri ta' taħlitiet jista' jkollhom diversi għażliet biex jikkomunikaw informazzjoni rilevanti dwar l-użu sigur tat-taħlita. Dawn huma spjegati fil-kapitolu 5.1 ta' din il-Gwida fil-Qosor u f'iktar dettall fil-Gwida *primarja* dwar *il-kompilazzjoni ta' skedi ta' data ta' sigurtà*.

## 3. Liema prodotti jeħtieġu SDS?

### 3.1 SDS għandha tiġi pprovduta b'obbligu mingħajr ma tkun mitluba

REACH jistabbilixxi kriterji speċifiċi għal meta għandha tiġi pprovduta SDS għal sustanza jew taħlita. SDS għandha tiġi pprovduta għal sustanza jew taħlita li tissodisfa l-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala perikoluża fuq il-bażi tal-kriterji stabbiliti mir-Regolament CLP ((KE) Nru 1272/2008).

Barra minn hekk, l-obbligu li tiġi pprovduta SDS japplika wkoll għal sustanzi li huma kkunsidrati bħala Persistenti, Bioakkumulattivi u Tossiċi (PBT) jew Persistenti ħafna u Bioakkumulattivi ħafna (vPvB) skont l-Anness XIII ta' REACH jew li huma inklużi fil-lista ta' Kandidati ta' sustanzi għal inklużjoni possibbli fil-Lista ta' Awtorizzazzjoni<sup>4</sup>. Għandu jiġi nnotat li l-lista ta' Kandidati hija aġġornata regolarment biż-żieda ta' sustanzi ġodda.

### 3.2 L-SDS għandha tiġi pprovduta fuq talba

Meta s-sustanza jew it-taħlita ma jissodisfawx il-kriterji<sup>5</sup> għal klassifikazzjoni bħala perikoluża, il-fornitur mhuwiex obligat li jipprovdi SDS għal din is-sustanza jew taħlita. Madankollu, jekk taħlita ikun fiha sustanzi kklassifikati, sustanzi li huma PBT jew vPvB jew sustanza inkluża fil-Lista ta' Kandidati f'iktar minn ċertu limitu speċifikat fir-Regolament REACH jew sustanzi li għandhom limiti Komunitarji ta' esponiment fuq ix-xogħol<sup>6</sup>, il-klijent huwa intitolat li jitlob SDS u l-fornitur għandu l-obbligu li jipprovdiha.

Utent downstream (utent industrijali jew professjonali)<sup>7</sup> jew distributtur<sup>8</sup> biss għandu d-dritt li jitlob SDS għal taħlita li tissodisfa l-kriterji msemmija fuq.

<sup>4</sup> Għal iktar informazzjoni dwar il-Lista tal-Kandidati u l-proċess ta' awtorizzazzjoni jekk jogħġbok irreferi għall-paġna web dedikata tal-ECHA fuq [echa.europa.eu/web/guest/regulations/reach/authorisation/the-candidate-list](http://echa.europa.eu/web/guest/regulations/reach/authorisation/the-candidate-list).

<sup>5</sup> Hu nota li mill-1 ta' Ġunju 2015 dan jirreferi għal kriterji għall-klassifikazzjoni bħala perikoluża skont ir-regolament CLP anke għat-taħlitiet.

<sup>6</sup> Sors ta' informazzjoni rilevanti huwa l-paġna web dwar OELs fis-sit web tal-OSHA disponibbli fuq [osha.europa.eu/en/topics/ds/exposure\\_limits](http://osha.europa.eu/en/topics/ds/exposure_limits).

<sup>7</sup> Definit skont REACH (Artikolu 3(13)).

<sup>8</sup> Definit skont REACH (Artikolu 3(14)).

### 3.3 Informazzjoni li għandha tiġi pprovduta lill-pubbliku ġenerali

Meta sustanzi jew taħlitiet perikolużi huma wkoll offerti jew mibjugħa lill-pubbliku ġenerali, m'għandhiex għalfejn tiġi fornita SDS. Biex jibbaża ruħu fuq din l-eżenzjoni, madankollu, il-fornitur għandu jipprovdi *"biżżejjed informazzjoni biex jippermetti lill-utent jieħu l-miżuri kollha neċessarji fir-rigward tal-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, tas-sigurtà u tal-ambjent"*. REACH ma jispeċifikax kif din l-informazzjoni ta' sigurtà għandha tiġi pprovduta, u għaldaqstant il-fornitur jista' jagħżel il-mezz l-iktar adattat skont il-każ u r-riċevitur (eż. permezz ta' ttikkettar jew b'fuljetti ta' informazzjoni).

### 3.4 Prodotti li għalihom mhijiex meħtieġa SDS

Għal xi taħlitiet REACH jipprovdi eżenzjoni ġenerali mill-ħtieġa li tiġi fornita informazzjoni koperta mit-Titolu IV "Informazzjoni fil-katina tal-provvista", inkluża l-proviżjoni ta' SDS. It-taħlitiet li jibbenefikaw minn din l-eżenzjoni huma dawk fi stat komplet, maħsuba għall-utent finali, u li jappartjenu għal kategoriji speċifiċi li għalihom jeżistu biċċiet oħra ta' leġiżlazzjoni u għandha tiġi evitata sovrappożizzjoni mar-rekwiżiti REACH (eż. prodotti mediċinali, prodotti kożmetiċi u ikel u affarijiet tal-ikel).

Ċerti sustanzi mhumiex fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament REACH (sustanzi radjuattivi, sustanzi taħt sorveljanza doganali, sustanzi intermedji mhux iżolati, prodotti matul it-trasport bil-ferrovija, bit-triq, bil-passaġġi fuq l-ilma interni, bil-baħar jew bl-ajru, eċċ.) u għaldaqstant għal darb'oħra ma japplikawx obbligi relatati mal-SDS.

## 4. Meta u kif għandha tiġi pprovduta l-SDS

L-SDS għandha tiġi pprovduta mingħajr ħlas, mhux iktar tard minn meta s-sustanza jew it-taħlita l-ewwel tkun fornita. Tista' tiġi pprovduta fuq karta jew elettronikament. F'kull każ, huwa d-dmir tal-fornitur li infatti jikkonsenja l-SDS lir-riċevitur. Dan ifisser, pereżempju, li tkun sempliċiment magħmula disponibbli fuq paġna web mhuwiex biżżejjed.

Mhuwiex meħtieġ li jiġu forniti kopja(i) ulterjuri ta' SDS b'konsenja sussegwenti lill-istess riċevitur sakemm ma tiġix riveduta l-SDS. SDS għandha madankollu tiġi aġġornata mingħajr dewmien meta tkun disponibbli informazzjoni speċifika ġdida. Ir-Regolament REACH jispeċifika liema informazzjoni ġdida tagħti bidu għall-obbligu ta' aġġornament: informazzjoni li taffettwa miżuri tal-immaniġġjar tar-riskji, informazzjoni dwar il-perikli, meta l-awtorizzazzjoni ngħatat jew ġiet rifjutata jew meta tkun ġiet imposta restrizzjoni. Aġġornamenti għal raġunijiet oħra jistgħu jsiru volontarjament fi kwalunkwe ħin mill-fornitur. L-aġġornament għandu wkoll jiġi pprovdut lir-riċevituri preċedenti kollha li lilhom tkun ġiet fornita s-sustanza jew it-taħlita fit-12-il xahar preċedenti.

## 5. Liema informazzjoni għandha tiġi inkluża f' SDS

L-Anness II ta' REACH jispeċifika s-16-il Taqsima u s-subtaqsimiet rispettivi tagħhom li għandhom jiffurmaw l-istruttura tal-SDS kif ukoll il-kontenut tagħhom.

Ġie stabbilit perjodu tranżitorju biex jippermetti bidla mingħajr intoppi għal informazzjoni bbażata fuq ir-Regolament CLP. Dispożizzjonijiet partikolari jikkonċernaw, pereżempju, l-informazzjoni dwar il-klassifikazzjoni u l-ittikkettar u l-identifikazzjoni tal-kostitwenti ta' sustanzi jew komponenti ta' taħlita li għandhom jiġu indikati fuq l-SDS.

Mill-1 ta' Ġunju 2015, informazzjoni dwar il-klassifikazzjoni skont ir-Regolament CLP biss għandha tingħata kemm għal sustanzi kif ukoll għat-taħlitiet fl-SDS (kif ukoll fuq it-tikketti).



Dawn huma dispożizzjonijiet tranżitorji għal SDSs (u għall-ittikkettar) għas-sustanzi u t-taħlittiet fuq is-suq qabel l-1 ta' Ġunju 2015. Madankollu l-informazzjoni fl-SDS għandha dejjem tikkorrispondi għal dak li hemm fuq it-tikketta.

Il-Gwida kompleta *dwar il-kompilazzjoni ta' skedi ta' data ta' sigurtà* tipprovdi iktar gwida kif ukoll tabella ta' spjegazzjoni dwar l-applikazzjoni ta' dan il-perjodu tranżitorju.

Meta wieħed jikkompila SDS, jeħtieġ li jniżżel li fejn ma tintużax data speċifika, jew fejn id-data mhijiex disponibbli, dan għandu jiġi ddikjarat b'mod ċar fit-taqsimi jew fis-subtaqsima korrisonidenti tal-SDS, minħabba li l-SDS m'għandhiex tinkludi subtaqsimiet vojta. Ir-raġuni għal nuqqas ta' infomazzjoni għandha tkun waħda valida. Ladarba l-SDS għandha tippermetti lil utenti jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiproteġu s-saħħa tal-bniedem, is-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, u l-protezzjoni tal-ambjent, l-informazzjoni li hija meħtieġa tidher f'SDS ma tistax tiġi ddikjarata bħala kunfidenzjali għall-iskopijiet ta' komunikazzjoni ta' informazzjoni fil-katina tal-provvista.

## **5.1 L-inklużjoni ta' informazzjoni dwar ix-xenarju tal-esponiment**

Wieħed mill-kunċetti primarji introdotti minn REACH u li jaffettwa l-SDSs huwa dak tax-xenarju tal-esponiment. Kull attur meħtieġ li jipprepara CSR li jinkludi xenarji tal-esponiment għandu jehmeż ix-xenarju(i) tal-esponiment rilevanti mal-SDS. Xenarju tal-esponiment jiddeskrivi kif sustanza tista' tiġi mmanifatturata jew użata b'mod sigur (jiġifieri biex tiżgura l-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent) u għandu jirreferi għall-użijiet identifikati fl-SDS innifisha. Fil-prattika, ix-xenarju(i) tal-esponiment jestendi(u) l-informazzjoni mogħtija fil-korp ewlieni tal-SDS. Għaldaqstant ix-xenarju tal-esponiment u l-SDS jeħtieġ li jiġu kkunsidrati flimkien u jkunu konsistenti. Huwa importanti ħafna li l-fornitur jippreżenta l-informazzjoni b'mod li tinftiehem malajr mill-utent downstream immedjat li għandu jidentifika, japplika u jirrakkomanda l-miżuri rilevanti iktar 'l isfel.

Utenti downstream u atturi oħra li jeħtieġ li jfornu SDS għal sustanza jew taħlita, iżda mhumiex meħtieġa jippreparaw CSR, għandhom jikkunsidraw u jinkludu informazzjoni rilevanti dwar l-użu sigur minn xenarju(i) tal-esponiment riċevut(i) mill-fornitur(i) tagħhom meta jikkompilaw l-SDS(s) tagħhom. Jistgħu jew jehmżu x-xenarji tal-esponiment rilevanti mal-SDS, jintegraw informazzjoni tal-esponiment rilevanti fil-korp tal-SDS (jiġifieri Taqsimiet 1 – 16 tal-SDS) jew iwaħħlu informazzjoni dwar l-użu sigur għat-taħlita derivata mix-xenarji tal-esponiment tas-sustanzi komponenti. L-għażla l-iktar adattata għandha tiġi magħżula fuq il-bażi ta' konsiderazzjonijiet magħmula fuq bażi ta' każ b'każ. Għandu jiġi kkunsidrat li mhux l-għażliet kollha possibbli huma adattati bl-istess mod għar-riċevituri speċifiċi li għandhom, barra minn hekk, jirċievu biss l-informazzjoni rilevanti għalihom. Informazzjoni iktar dettaljata dwar dan hija pprovduta fil-kapitolu 2.23 u fl-Appendiċi 2 tal-gwida primarja u wkoll fil-*Gwida tal-ECHA għal utenti downstream*.

B'kuntrast mal-każ għal SDS, il-format tax-xenarju tal-esponiment mhuwiex stabbilit mit-test legali. Għodda ta' sostenn waħda disponibbli biex tiġġenera format adattat hija l-Għodda ta' Rapportar u Valutazzjoni dwar is-Sigurtà Kimika, Chesar<sup>9</sup>, li tiġġenera xenarji tal-esponiment lesti biex jiġu annessi mal-SDS.

## **6. Fejn jista' wieħed isib iktar gwida u informazzjoni oħra rilevanti**

Din il-Gwida fil-Qosor għandha tipprovdi b'sommarju u spjegazzjoni qasira tal-prinċipji ewlenin li jikkonċernaw il-kompilazzjoni ta' skedi ta' data ta' sigurtà skont l-Artikolu 31 u l-Anness II għar-Regolament REACH. Madankollu, dawk li attwalment jikkompilaw l-SDSs huma

<sup>9</sup> Disponibbli minn [chesar.echa.europa.eu](http://chesar.echa.europa.eu).

rrakkomandati ħafna li jikkonsultaw il-Gwida *kompleta* dwar il-kompilazzjoni ta' skedi ta' data ta' sigurtà biex jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' komunikazzjoni. Dan huwa disponibbli minn

[echa.europa.eu/web/guest/guidance-documents/guidance-on-reach](http://echa.europa.eu/web/guest/guidance-documents/guidance-on-reach)

Il-Gwida sħiħa dwar il-kompilazzjoni tal-iskedi ta' data ta' sigurtà tipprovdi iktar informazzjoni dettaljata dwar il-kontenut ta' kull Taqsima tal-SDS u dwar każijiet speċjali, kif ukoll xi entrati bħala eżempji fis-subtaqsimiet. Tagħrif addizzjonali u informazzjoni rilevanti jistgħu ukoll jinkisbu billi jiġu kkonsultati b'mod partikolari d-dokumenti u l-paġni web li ġejjin:

- L-iskedi ta' data ta' sigurtà ECHA permezz ta' gwida elettronika: <http://view.pagetiger.com/ECHAeGuide1-1/Issue1>
- Il-bażi ta' data tal-ECHA dwar sustanzi rreġistrati: [echa.europa.eu/web/guest/information-on-chemicals/registered-substances](http://echa.europa.eu/web/guest/information-on-chemicals/registered-substances);
- L-inventarju tal-klassifikazzjoni u l-ittikkettar tal-ECHA: [echa.europa.eu/web/guest/information-on-chemicals/cl-inventory-database](http://echa.europa.eu/web/guest/information-on-chemicals/cl-inventory-database);
- Il-Gwida *tal-ECHA għal utenti downstream*: [echa.europa.eu/web/guest/guidance-documents/guidance-on-reach](http://echa.europa.eu/web/guest/guidance-documents/guidance-on-reach)

L-AĠENZJA EWROPEA GĦAS-SUSTANZI KIMIĊI  
ANNANKATU 18, KAXXA POSTALI, KAXXA POSTALI 400,  
FI-00121 HELSINKI, FINLANDJA  
ECHA.EUROPA.EU